

Brussell, 8 ta' Ġunju 2026
(OR. en, fr)

9663/26
PV CONS 31
AG 82
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
26 ta' Mejju 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 9372/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) **Lista mhux leġiżlattiva** 9481/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) **Lista Leġiżlattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 9482/26

Affarijiet ġenerali

1. **Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett** S 8707/26 + ADD 1
6708/26
AG

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-20.05.2026

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett (bażi legali: l-Artikolu 223(1) TFUE u l-Artikolu 106a(1) Euratom), bil-Ġermanja tastjeni. Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

2. **Direttiva tal-Kunsill dwar votanti mobbli fl-elezzjonijiet muniċipali** SC 8354/1/26 REV 1
+ REV 1 ADD 1
REV 1
8338/26 + COR 1
AG
INST

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

Approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-20.05.2026

Il-Kunsill adotta d-Direttiva tal-Kunsill dwar votanti mobbli fl-elezzjonijiet muniċipali (bażi legali: l-Artikolu 22(1) TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. **Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034** SC 9146/26
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

4. Affarijiet oħra

- a) **Ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji
ekstra-Ewropej fil-QFP li jmiss** [S][C] 9638/26
Informazzjoni minn Franza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej fil-QFP li jmiss.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2026: 7872/26
abbozz ta' aġenda annotata
Skambju ta' fehmiet
6. Relazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit
Sitwazzjoni attwali
7. Djalogu annwali dwar l-istat tad-dritt: diskussjoni speċifika 5019/26
għall-pajjiżi
Skambju ta' fehmiet
8. Affarijiet oħra
- a) Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Ungerija fil-kuntest tal-
proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-TUE li għaddejja bħalissa 9636/26
Informazzjoni mill-Ungerija

[S] Proċedura leġiżlattiva speċjali

[C] Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 9482/26

Dwar il-punt "A" Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett
nru 1: *Adozzjoni tal-att leġislattiv*

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"Skont kif ir-responsabbiltajiet tal-indukrar tat-tfal għat-trabi tat-twelid jinqasmu fi ħdan familja, kemm il-Membri rġiel kif ukoll dawk nisa tal-Parlament Ewropew jistgħu jsibu xkiel għall-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fil-ħidma parlamentari. Għaldaqstant, l-Iżvezja kienet tippreferi emenda usa' li, minbarra l-ommijiet li welldu reċentement, tkopri wkoll il-ġenitur l-ieħor ta' tarbija tat-twelid. Madankollu, l-Iżvezja tilqa' d-deċiżjoni tal-lum bħala pass pożittiv lejn il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kundizzjonijiet tax-xogħol favur il-familja għall-Membri tal-Parlament Ewropew."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MIN-NETHERLANDS U D-DANIMARKA

"In-Netherlands u d-Danimarka jissottolinjaw l-importanza li jiġi stabbilit arranġament li jippermetti lill-Membri tal-Parlament Ewropew jieħdu sehem fil-votazzjoni plenarja matul it-tqala u fix-xhur ta' wara l-ħlas. F'dan il-kuntest, in-Netherlands u d-Danimarka jilqgħu l-adozzjoni tal-lum tad-deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att Elettorali, li ser tippermetti lill-Membri jiddelegaw il-vot tagħhom temporanjament sabiex ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq il-ħajja privata u tal-familja tagħhom.

Fl-istess ħin, in-Netherlands u d-Danimarka kienu jippreferu kamp ta' applikazzjoni usa' għall-proposta, li jkopri b'mod partikolari sitwazzjonijiet bħal-liv tal-paternità u l-mard fit-tul. Barra minn hekk, in-Netherlands u d-Danimarka jinnotaw li skema ta' sostituzzjoni temporanja jkollha l-potenzjal li tkopri l-firxa sħiħa tad-dmirijiet ta' Membru tal-Parlament Ewropew.

Għalhekk, in-Netherlands u d-Danimarka jqisu l-proposta tal-lum bħala l-ewwel pass pożittiv u jinsabu lesti li jkomplu jaħdmu mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-Kummissjoni dwar passi ulterjuri relatati mal-arranġamenti għal-liv tal-ġenituri għall-membri tal-Parlament Ewropew.

In-Netherlands u d-Danimarka jinnotaw ukoll li l-prinċipju ta' mandat ħieles u votazzjoni mingħajr struzzjonijiet vinkolanti huwa inkorporat sew mal-Unjoni Ewropea kollha u fl-Att Elettorali tal-UE. Huwa essenzjali li r-rappreżentanti eletti ma jkunux marbuta bi struzzjonijiet għall-votazzjoni u jkunu jistgħu jivvotaw b'mod ħieles. In-Netherlands u d-Danimarka jixtiequ jenfasizzaw li l-proposta dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-vot ma tinvolvi ebda deroga mill-prinċipju tal-mandat ħieles, kif stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-Att Elettorali tal-UE."

Dwar il-punt "A" Direttiva tal-Kunsill dwar votanti mobbli fl-elezzjonijiet muniċipali
nru 2: *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"Franza tilqa' l-finalizzazzjoni tar-riformulazzjoni mibdija fl-2021 taż-żewġ direttivi tal-Kunsill dwar id-dritt ta' ċittadini mobbli biex jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej u f'elezzjonijiet muniċipali. Kemm it-test tar-riformulazzjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej (adottat fl-24 ta' Ġunju 2025) kif ukoll it-test tar-riformulazzjoni attwali dwar l-elezzjonijiet muniċipali ser jagħmluha eħfef għal ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jgħixu fi Stat Membru tal-UE barra minn dak li tiegħu huma ċittadini biex jieħdu sehem f'dawn iż-żewġ tipi ta' elezzjoni.

Rigward il-possibbiltà għall-Istat ta' residenza li jitlob li l-votant mobbli jiddikkjara li ma jkunx ġie miċħud mid-dritt li jivvota fl-Istat ta' oriġini tiegħu, din ma tissemmiex direttament fit-test marbut mal-elezzjonijiet muniċipali, filwaqt li tissemma' fit-test marbut mal-elezzjonijiet Ewropej. Anke jekk hu stabbilit li daww l-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan jistgħu jitolbu din id-dikjarazzjoni għall-elezzjonijiet muniċipali abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali biss, Franza xorta tqis li jaf jagħmel sens, għal raġunijiet ta' ċarezza legali u fl-okkażjoni tar-reviżjoni li jmiss, li tiġi armonizzata l-formulazzjoni taż-żewġ direttivi dwar dan is-suġġett."

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "B" li jinsabu fid-dokument 9372/26

Dwar il-punt "B" Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034
nru 3: *Dibattitu ta' orjentazzjoni*

DIKJARFAZZJONI KONGUNTA MILL-BULGARIJA, IĊ-ĊEKJA, L-ESTONJA, IL-GREĊJA, L-ITALJA, IL-KROAZJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, MALTA, IL-POLONJA, IL-PORTUGALL, IR-RUMANIJA, IS-SLOVENJA, IS-SLOVAKKJA, SPANJA, L-UNGERIJA

"Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 huwa l-istrument strateġiku biex jintlaħqu l-obiettivi komuni tagħna u l-viżjoni ambizzjuża dwar il-futur tal-UE. **Ewropa aktar kompetittiva, prospera, aktar b'saħħitha u aktar sikura teħtieġ finanzjament suffiċjenti biex jaqbel mal-ambizzjoni politika tagħna, adattata għar-realtà ġeopolitika l-ġdida.**

Il-QFP li jmiss irid ikompli jiżgura **riżorsi suffiċjenti għall-politiki li jirriżultaw mill-obbligi tat-Trattat, bħall-Politika ta' Koeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) u l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)**, li għandhom rwol fundamentali fil-promozzjoni tal-konverġenza, it-tkabbir ekonomiku u s-sigurtà tal-ikel. Fl-istess ħin, il-QFP li jmiss għandu **jappoġġa t-tiħiħ tal-awtonomija strateġika tal-UE u jkompli jsaħħaħ il-kompetittività**, it-tranżizzjoni klimatika u diġitali, is-sigurtà u d-difiża, il-produttività u l-innovazzjoni tal-UE, kif ukoll jiżgura bażi b'saħħitha għal Suq Uniku integrat bis-sħiħ. Irid **iwieġeb ukoll għal sfidi ġodda** bħar-riskji għas-sigurtà, it-tfiġkil fil-kummerċ globali, it-tranżizzjoni u s-sigurtà tal-enerġija, u l-migrazzjoni, li jirriflettu s-sitwazzjoni ġeopolitika. Għalhekk, il-volum tal-QFP kif propost mill-Kummissjoni huwa l-bażi biex jiġi diskuss kif jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv il-ħtiġijiet finanzjarji tal-Unjoni.

Fil-proposta tal-Kummissjoni, il-Politika ta' Koeżjoni, il-PAK u l-PAKS huma l-uniċi politiki li qed jiffaċċaw tnaqqis f'termini reali, minkejja ż-żieda ġenerali fid-daqs tal-QFP il-ġdid. Dawn il-politiki jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-oġġettivi ewlenin tal-UE u l-oġġettivi tagħhom ibbażati fuq it-Trattat jibqgħu kompletament rilevanti. **Il-Politika ta' Koeżjoni u l-PAK huma l-aktar politiki viżibbli tal-UE għaċ-ċittadini tal-UE.**

F'dan il-kuntest, **nappellaw għal żieda fl-allokkazzjonijiet tal-Istati Membri taħt l-Intestatura 1 għall-politiki** bbażati fuq it-Trattat.

Il-programmazzjoni ta' dawk l-allokkazzjonijiet, b'mod partikolari fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni u fir-rieżami ta' nofs it-terminu, għandha tibqa' kompletament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-mekkaniżmu ta' tmexxija propost ma għandux ikollu impatt fuq il-prerogattivi ta' programmazzjoni tal-Istati Membri. Filwaqt li l-istrumenti ta' ġestjoni kondiviża jistgħu jibnu fuq il-qafas ta' referenza propost, ir-rakkomandazzjonijiet ma għandhomx jissarrfu awtomatikament f'obbligi, peress li dan imur kontra l-prinċipju ta' ġestjoni kondiviża u l-approċċ ibbażat fuq il-post.

Biex jiġi żgurat l-użu effettiv tal-fondi tal-UE f'ġestjoni kondiviża, **kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni realistiċi u favorevoli huma essenzjali** biex jappoġġaw investimenti fit-tul u kwalità għolja ta' nefqiet. Dan jirrikjedi li **tinżamm ir-regola N+3** għad-diżimpenji, profili bbilanċjati ta' impenn u ta' pagament, kif ukoll **rati adegwati ta' prefinanzjament u kofinanzjament tal-UE għall-miżuri tal-PAK u tal-PAKS, il-Politika ta' Koeżjoni inkluż l-investimenti tal-Fond ta' Koeżjoni** u l-fondi għall-Affarijiet Interni. Fl-istess ħin, il-Politika ta' Koeżjoni ma għandhiex tinbidel f'għodda sistematika għall-kriżijiet, li tissostitwixxi strumenti oħra tal-UE għal dan l-għan: ir-riżerva proposta ta' 10 % għall-kriżijiet għandha titnaqqas; ir-riprogrammazzjoni tal-miżuri li għaddejjin fil-Pjan għandha tibqa' għażla volontarja għall-Istat Membru, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat aċċess għar-riżerva għall-kriżijiet u għall-Faċilità tal-UE. Barra minn hekk, il-Politika ta' Koeżjoni għandha tingħata finanzjament xieraq u sigur għall-kategoriji kollha tar-reġjuni.

Aħna nappoġġaw l-enfasi tal-Intestatura 2 fuq il-kompetittività. Fir-rigward tal-Fond **Ewropew għall-Kompetittività (FEK), nirrikonoxxu ċ-ċentralità tal-prinċipju tal-eċċellenza u l-ħtieġa li jiġi esplorat bis-sħiħ madwar l-UE.** Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat aċċess effettiv u inklużiv biex **tissaħħaħ il-kompetittività ġenerali madwar l-UE.** Sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni u jitrawwem il-bini tal-kapaċitajiet madwar l-UE, għandhom jiġu introdotti miżuri speċifiċi għat-titjib tal-aċċess ta' entitajiet b'inqas esperjenza għal sejħiet kompetittivi, **b'enfasi speċjali fuq l-SMEs**, is-sinsla tal-ekonomija tal-UE. Barra minn hekk, **kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni aktar favorevoli**, bħar-rata ta' kofinanzjament tal-UE ta' 85 % għall-Istati Membri b'ING per capita taħt il-medja tal-UE-27, għandhom jiġu żgurati wkoll għall-Faċilità **Nikkollegaw l-Ewropa**, meta jitqies il-kontribut tagħha biex jiġi sfruttat is-Suq Uniku u titrawwem ir-reżiljenza tal-UE.

Il-Ħbieb tal-Koeżjoni huma lesti li jiddiskutu proposti għal **riżorsi proprji ġodda** li effettivament itaffu l-perssjoni fuq il-baġits tal-Istati Membri. Dawn id-diskussjonijiet iridu jkunu marbuta man-negozjati ġenerali tal-QFP. Kwalunkwe riżorsa proprja ġdida **trid tkun ġenwina, ġusta, sempliċi u mhux rigressiva.**

L-abolizzjoni tar-ribassi marbuta mar-riżorsa proprja bbażata fuq l-ING¹ hija essenzjali – ma hemm l-ebda raġuni politika jew ekonomika għall-introduzzjoni mill-ġdid tagħhom fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit tal-UE. Il-valur miżjud tas-suq uniku u tal-UE kollha kemm hi, kif ukoll l-effetti konsegwenzjali tal-baġit tal-UE, ma għandhomx jiġu injorati.

Skema ta' ħlas lura aktar gradwali ta' Next Generation EU u self konġunt ġdid għal appoġġ fil-forma ta' self (bħal Catalyst Europe) għandhom jitqiesu bħala għażliet biex jiġu ffinanzjati l-investimenti u l-beni pubbliċi Ewropej essenzjali għal awtonomija strateġika fit-tul, filwaqt li jiġi żgurat li l-QFP ikun jista' jindirizza b'mod effettiv l-isfidi u l-prijoritajiet tal-Unjoni li qed jevolvu.

Il-Ħbieb tal-Koeżjoni jinsabu lesti li jikkontribwixxu b'mod kostruttiv biex jintlaħaq kompromess ibbilanċjat li jkun ta' benefiċċju għall-Unjoni Ewropea kollha. L-objettiv komuni tagħna huwa li niksbu baġit li jkun kemm modern kif ukoll ta' rispons għall-ħtiġijiet differenti tal-Istati Membri u r-reġjuni."

¹ It-tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq l-ING japplika sa tmiem l-2027, skont id-Deċiżjoni attwali dwar ir-Riżorsi Proprji.